MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru 202/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Saviour Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Saviour Caruana ta’ 58 sena, iben Joseph u Paola nee’ Mercieca imwieled il-Hamrun fit-13 ta’ Mejju 1947 detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru 499947M u residenti ‘Marco’ Flt2, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga gie akkuzat talli nhar il-11 ta’ Jannar 2006 ghal-habta ta’ 05.30hrs, waqt li kien fil-kazin tal-MLP f’B’Bugia, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Raymond Farrugia f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Raymond

Farrugia, liema offiza iggib mankament jew sfregju, jew feriti perdurata kif iccertifika Dr Mark Camilleri ta’ SLH, u meta din l-offiza saret fuq persuna li tbati minn mard tal-gisem jew tal-mohh fi grad li mhabba fiha ma tkunx tista tiddefendi ruhha sew bi ksur tal-art 214, 216 u 222A tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess hin lok u cirkustanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

F’kas ta’ htija il-Qorti giet gentilment mitluba taplika il-provediment tal-art 383(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, a favur ta’ l-istess Raymond Farrugia.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JA 2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 214, 216, 222A u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Saviour Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li inoltre fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Saviour Caruana ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Saviour Caruana jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Saviour Caruana b-obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Raymond Farrugia u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Saviour Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------